MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 195/2006

Kawza fil-lista: 47

**A B**
**Vs**
**C D E F G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-11 ta’ Settembru tas-sena 1997, fl-edifizju tar-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta, skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom numru 1574 tas-sena 1997 illi kopja tieghu qed tigi annessa ma’ dan ir-Rikors u ezebita u mmarkata bhala Dokument A.

2. Illi l-kunsens tal-intimat kien ivvizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom;

3. Illi l-kunsens inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Jghid ghalhekk il-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandiex:

1. Tiddikjara z-zwieg kuntratt bejn il-kontendenti fil-11 ta' Settembru 1997 null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi.

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita' ta' l-Att taz-Zwieg Numru 1574 tas-sena 1997.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huma minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitment notifikata ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-11 ta' Settembru 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Illi mill-provi jirrizulta li fil-11 ta' Settembru 1997, l-attrici, cittadina maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin egizzjan, meta allura hi kellha kwazi 20 sena u l-konvenuta kellu 28, u meta kienu ilhom jafu lil xulxin gimgha biss. Wara erba xhur il-konvenut telaq mid-dar konjugali u ma tfaccax aktar. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici tghid li persuna maltija kienet laqqghatha mal-konvenut u kienu weghduha l-flus biex tizzewweg lill-istess konvenut. Hija accettat u fil-11 ta' Settembru 1997 il-partijiet izzewwgu. Dak in-nhar stess, wara c-cerimonja civili, waqt li l-partijiet kienu qed jiehdu café' fil-Belt Valletta, il-konvenuta talab lill-attrici biex turih ic-curkett taz-zwieg, u kif ghamlet hekk hadulha u ma regghex tahulha lura. L-attrici tghid li kien bighu. Hija tghid ukoll li minn weghda l-flus kien dahaq biha wkoll ghax fil-fatt spiccat ma hadet xejn. Tghid ukoll li ftit jiem wara z-zwieg, hija kienet iffirmat xi karti fl-ufficju ta' l-imigrazzjoni.

Hija tirrakkonta li fil-konvivenza matrimonjali li kienet damet kwazi 4 xhur, il-konvenut kien jigi minbarra fis-sakra u kien jinfexx fiha u jsawwatha; u hija qatt ma xtaqet li tkompli tghix mieghu ghax kienet tibza' minnu, tant li kienet tirrifjuta li taghmel l-att taz-zwieg mieghu. Wara ftit xhur mid-data taz-zwieg, il-konvenut telaq u ma tfaccax aktar.

Illi mill-kwadru tal-fatti premessi l-Qorti tirravvisa fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, fis-sens li, ghalkemm esternament iz-zewg partijiet kienu ghaddew minn ceremonja ta' zwieg, izda internament u b' att posittiv tal-volonta' tagghom huma eskludew iz-zwieg fih innifsu. La l-attrici u lanqas il-konvenut ma riedu jghixu l-hajja matrimonjali flimkien.

Dan premess u kkunsidrat, it-talba attrici hija gustifikata fit-termini ta' l-artikolu 19[1] para.[f] tal-Kap.255, da parti taz-zewg partijiet.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-

partijiet fil-11 ta’ Settembru 1997; u tordna li ssir id-debita annotazzjoni fl-Att taz-Zwieg numru 1574/1997 fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jinqasmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------